MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 440/2002

**Avviz numru 440/2002DM**

**BUPA Agencies Limited f'isimha proprio u bhal agenti u ghan-nom ta' BUPA Insurance Limited u British American Insurance Co (M'tius) Limited**

**Vs**

**LCD Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elfejn erba' mija u disghin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm2,490.40) rapprezentanti premium dovut fuq polza ta' assigurazzjoni "Optional Protection Group Scheme No. 303" ghas-sena 2001.

Bl-ispejjes komprizi ta’ l-ittra ufficjali tal- 15 ta’ Jannar 2002, u bl-imghax legali mill-15 ta’ Jannar 2002 kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici, lanqas ma dehru fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.
.
Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn erba’ mija u disghin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm2,490.40) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Jannar 2002;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------